

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Mejju 2007

dwar miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni ta' l-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2161)

(2007/365/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 fuq miżuri ta' ħarsien kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi perikolużi għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra l-firxa tagħhom fi ħdan il-Komunità⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet sentenza ta' l-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 2000/29/KE, meta Stat Membru jqis li hemm periklu ta' introduzzjoni jew ta' tixrid fit-territorju tiegħu ta' organiżmu perikoluż li mhux elenkat fl-Anness I jew Anness II ta' dik id-Direttiva, jista' temporanjament jieħu miżuri addizzjonali meħtieġa biex jipproteġi l-lilun minn dak il-periklu.
- (2) B'riżultat tal-preżenza tar-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) ("l-organiżmu speċifiku") fin-Nofsinhar tal-Peniżola Iberika, fis-27 ta' Ġunju 2006 Spanja għarrfet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li, fis-6 ta' Ġunju 2006, hija kienet adottat miżuri uffiċjali addizzjonali biex tipprevjeni l-introduzzjoni u t-tixrid aktar fit-territorju tagħha ta' dak l-organiżmu speċifiku.
- (3) Ir-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier) mhuwiex elenkat fl-Annessi I jew II tad-Direttiva 2000/29/KE. Madankollu,

rapport ta' l-evalwazzjoni tar-riskju sanitarju bbażat fuq informazzjoni xjentifika limitata disponibbli wera li dan l-organiżmu speċifiku jikkawża ħsara serja lis-siġar, inkluża mortalità sinifikanti fuq speċijiet speċifiċi ta' pjanti, li jappartjenu lill-familja tal-Palme, u ristretta għal pjanti li d-dijametru fil-parti ta' isfel taz-zokk tagħhom ikun ta' aktar minn 5 cm ("pjanti suxxettibbli"). Il-pjanti suxxettibbli jinsabu f'bosta partijiet ta' l-Ewropa, l-aktar fin-naħa ta' isfel fejn huma mħawla f'għadd kbir għal finijiet ta' ornament u fejn huma ta' importanza kbira għall-ambjent.

- (4) B'hekk jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' emerġenza kontra l-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità ta' dan l-organiżmu speċifiku.
- (5) Dawk il-miżuri ta' emerġenza għandhom japplikaw għall-introduzzjoni u t-tixrid ta' l-organiżmu speċifiku, għad-demarkazzjoni ta' żoni fil-Komunità fejn hemm l-organiżmu speċifiku, għall-importazzjoni, il-produzzjoni, iċ-ċaqliq u l-kontroll ta' pjanti suxxettibbli fil-Komunità. Għandu jsir stħarriġ biex tiġi vverifikata l-preżenza jew l-assenza kontinwa ta' l-organiżmu speċifiku fuq il-pjanti kollha tal-Palme fl-Istati Membri biex tinġabar aktar informazzjoni xjentifika dwar is-suxxettibbiltà tal-pjanti.
- (6) Jixraq li r-riżultati tal-miżuri jkunu riveduti sal-31 ta' Marzu 2008 billi jitqiesu l-esperjenzi mill-ewwel staġun tat-tkabbir taħt il-miżuri ta' emerġenza.
- (7) L-Istati Membri għandhom jadottaw, jekk meħtieġ, il-leġiżlazzjoni tagħhom biex jiġu f'konformità mad-Deċiżjoni.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

⁽¹⁾ ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/35/KE (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 9).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 5

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "organiżmu speċifiku" tfisser ir-*Rhynchophorus ferrugineus* (Olivier);
- (b) "pjanti suxxettibbli" tfisser pjanti, barra frott u żrieragħ, li għandhom dijametru fil-bażi taz-zokk tagħhom ta' aktar minn 5 cm u li jappartjenu lill-*Areca catechu*, *Arenga pinnata*, *Borassus flabellifer*, *Calamus merillii*, *Caryota maxima*, *Caryota cumingii*, *Cocos nucifera*, *Corypha gebanga*, *Corypha elata*, *Elaeis guineensis*, *Livistona decipiens*, *Metroxylon sagu*, *Oreodoxa regia*, *Phoenix canariensis*, *Phoenix dactylifera*, *Phoenix theophrasti*, *Phoenix sylvestris*, *Sabal umbraculifera*, *Trachycarpus fortunei* u *Washingtonia* spp.;
- (c) "post tal-produzzjoni" tfisser il-post tal-produzzjoni kif imfisser fl-Istandard Internazzjonali għal Miżuri Fitosanitarji Nru 5 approvat mill-FAO ⁽¹⁾.

Artikolu 2

Miżuri ta' emerġenza kontra l-organiżmu speċifiku

L-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità ta' l-organiżmu speċifiku għandhom ikunu projbiti.

Artikolu 3

Importazzjoni ta' pjanti suxxettibbli

Il-pjanti suxxettibbli jistgħu jiġu introdotti biss fil-Komunità jekk:

- (a) ikunu konformi mar-reqwiziti speċifiċi ta' l-importazzjoni kif inniżżla f'punt 1 ta' l-Anness I;
- (b) jiġu spezzjonati, kif jidħlu fil-Komunità, mill-korp uffiċjali responsabbli għall-preżenza ta' l-organiżmu speċifiku, skond l-Artikolu 13a(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, u jinstantu ħielsa minnu.

Artikolu 4

Movimenti ta' pjanti suxxettibbli fi ħdan il-Komunità

Pjanti suxxettibbli li joriġinaw fil-Komunità jew kienu impurtati fil-Komunità skond l-Artikolu 3 jistgħu jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità biss jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'punt 2 ta' l-Anness I.

Stħarriġ u notifikati

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu għadd ta' stħarriġiet uffiċjali kull sena għall-preżenza ta' l-organiżmu speċifiku jew għall-evidenza ta' l-infestazzjonijiet mill-organiżmu speċifiku fuq pjanti tal-Palme fit-territorju tagħhom.

Bla ħsara għall-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2000/29/KE, ir-riżultati ta' dawk l-istħarriġiet flimkien mal-lista ta' żoni demarkati provvduti fil-paragrafu 6, għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra sat-28 ta' Frar ta' kull sena.

2. Kull okkorrenza suspettuża jew preżenza kkonfermata ta' l-organiżmu speċifiku għandha tiġi nnotifikata mill-ewwel lill-korpi uffiċjali responsabbli.

Artikolu 6

Twaqqif ta' żoni demarkati

Meta r-riżultati ta' l-istħarriġ li jissemew fl-Artikolu 5(1) jew in-notifikati li jissemew fl-Artikolu 5(2) jikkonfermaw il-preżenza ta' l-organiżmu speċifiku f'xi żona, jew b'mezzi oħra jkun hemm evidenza tal-preżenza ta' l-organiżmu speċifiku, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu żoni demarkati u għandhom jieħdu miżuri uffiċjali kif stipulat fil-punti 1 u 2 rispettivament ta' l-Anness II.

Artikolu 7

Osservanza

L-Istati Membri għandhom, jekk huwa meħtieġ, jemendaw il-miżuri li kienu adottaw biex jiproteġu lilhom infushom kontra l-introduzzjoni u t-tixrid ta' l-organiżmu speċifiku b'tali mod li dawk il-miżuri jiġu f'konformità ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni minnufih b'dawk il-miżuri.

Artikolu 8

Revizzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2008.

Artikolu 9

Lil min hi indirizzata

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Mejju 2007

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Glossarju ta' Termini Fitosanitarji – Standard ta' Riferenza ISPM Nru. 5 mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma.

ANNEX I

Miżuri ta' emerġenza li jissemmew fl-Artikoli 3 u 4 ta' din id-Deċiżjoni**1. Rekwiżiti speċifiċi għall-importazzjoni**

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Anness III, Parti A(17) u fl-Anness IV, Parti A(I)(37) mad-Direttiva 2000/29/KE, pjanti suxxettibbli li joriġinaw f'pajjiżi terzi għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat kif hemm imniżżel fl-Artikolu 13(1) ta' dik id-Direttiva li tiddikjara taħt ir-rubrika "Dikjarazzjoni Addizzjonali" li l-pjanti suxxettibbli, fosthom dawk miġbura mill-habitat naturali:

- (a) li tul ħajjithom ikunu tkabbru f'pajjiż fejn l-organiżmu speċifiku mhux magħruf li kien jeżisti; jew
- (b) li tul ħajjithom ikunu tkabbru f'żona mhix infestata, stabbilita mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti fil-pajjiż ta' l-orijini skond l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji relevanti; taħt ir-rubrika "post ta' l-orijini" għandu jissemma l-isem taż-żona mhux infestata; jew
- (ċ) li, matul il-perjodu ta' mill-inqas sena qabel l-esportazzjoni, ikunu tkabbru f'post ta' produzzjoni:
 - (i) li jkun reġistrat u sorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti fil-pajjiż ta' l-orijini, u
 - (ii) fejn il-pjanti jkunu tpoġġew f'sit li jkun kollu kemm hu mħares kontra l-introduzzjoni ta' l-organiżmu speċifiku jew bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa, u
 - (iii) fejn, matul l-ispezzjonijiet uffiċjali li jsiru talanqas kull tliet xhur u immedjatament qabel l-esportazzjoni, ma jkun ġie innutat l-ebda sinjal ta' l-organiżmu speċifiku.

2. Kundizzjonijiet għaċ-ċaqliq

Pjanti suxxettibbli, jew dawk li joriġinaw fil-Komunità jew inkella importati fil-Komunità skond l-Artikolu 3, jistgħu jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità biss jekk huma jkunu akkumpanjati minn passaport tal-pjanti ppreparat u maħruġ skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE ⁽¹⁾, u jkunu tkabbru:

- (a) matul ħajjithom fi Stat Membru jew pajjiż terz fejn mhux magħruf li l-organiżmu speċifiku kien preżenti; jew
 - (b) matul ħajjithom f'post tal-produzzjoni f'żona mhux infestata, stabbilita mill-korp uffiċjali responsabbli fi Stat Membru jew minn organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti f'pajjiż terz, skond l-Istandards Internazzjonali għal Miżuri Fitosanitarji; jew
 - (ċ) f'post ta' produzzjoni fi Stat Membru matul perjodu ta' sentejn qabel iċ-ċaqliq li matulu:
 - (i) l-pjanti jkunu tpoġġew f'sit li jkun kollu kemm hu mħares kontra l-introduzzjoni ta' l-organiżmu speċifiku jew bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa, u
 - (ii) ma kien osservat l-ebda sinjal ta' l-organiżmu speċifiku fl-ispezzjonijiet uffiċjali li jkunu saru talanqas kull tliet xhur;
- jew
- (d) jekk kienu impurtati skond punt 1 (c) ta' dan l-Anness, mindu ddaħħlu fil-Komunità, ikunu tkabbru f'post ta' produzzjoni fi Stat Membru matul perjodu ta' talanqas sena qabel iċ-ċaqliq tagħhom, li matulu:
 - (i) il-pjanti jkunu tpoġġew f'sit li jkun kollu kemm hu mħares kontra l-introduzzjoni ta' l-organiżmu speċifiku jew bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa, u
 - (ii) ma kien osservat l-ebda sinjal ta' l-organiżmu speċifiku fi spezzjonijiet uffiċjali li jkunu saru talanqas kull tliet xhur.

⁽¹⁾ ĠU L 4, 8.1.1993, p. 22. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2005/17/KE (ĠU L 57, 3.3.2005, p. 23).

ANNEX II

Miżuri ta' emerġenza li jissemmew fl-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni**1. Twaqqif ta' żoni demarkati**

- (a) Iż-żoni demarkati li jissemmew fl-Artikolu 6 għandhom jikkonsistu fil-partijiet li ġejjin:
- (i) żona infestata fejn il-preżenza ta' l-organiżmu speċifiku għet ikkonfermata u li tinkludi l-pjanti suxxettibbli kollha li juru sintomi kkawżati mill-organiżmu speċifiku, u, fejn huwa xieraq, il-pjanti suxxettibbli kollha li jaġmlu parti mill-istess lott fiż-żmien tat-tħawwil,
 - (ii) żona marġinali ta' l-qugh li l-konfini tagħha tkun tal-anqas 10 km 'l bogħod minn dik taż-żona infestata.
- Fil-każijiet fejn bosta żoni marġinali ta' l-qugh jidhru f'xulxin jew li jkunu ġeografikament qrib xulxin, żona demarkata iktar wiesgħa għandha tiġi definita li tinkludi ż-żoni demarkati rilevanti u ż-żoni ta' bejniethom.
- (b) Id-delimitazzjoni eżatta taż-żoni msemmija fil-punt (a) għandha tkun ibbażata fuq prinċipji xjentifiċi sodi, il-bijoloġija ta' l-organiżmu speċifiku, il-livell ta' infestazzjoni, il-perjodu tas-sena u d-distribuzzjoni partikolari tal-pjanti suxxettibbli fl-Istat Membru kkonċernat.
- (c) Jekk tiġi kkonfermata l-preżenza ta' l-organiżmu speċifiku 'l barra miż-żona infestata, id-delimitazzjoni taż-żoni demarkati għandha tinbidel kif jixraq.
- (d) Jekk, skond l-istħarriġiet annwali msemmija fl-Artikolu 5 (1), l-organiżmu speċifiku ma jkunx instab f'żona demarkata għal perjodu ta' tliet snin, din iż-żona ma għandhiex tibqa' teżisti u l-miżuri msemmija f'punt 2 ta' dan l-Anness ma għandhomx jibqgħu meħtieġa.

2. Miżuri f'żoni demarkati

Il-miżuri uffiċjali li jissemmew fl-Artikolu 6 li għandhom jittieħdu fiż-żoni demarkati għandhom jinkludi tal-anqas dan li ġej:

- (a) miżuri xierqa li jkollhom l-għan li jeradikaw l-organiżmu speċifiku;
 - (b) monitoraġġ intensiv għall-preżenza ta' l-organiżmu speċifiku minn spezzjonijiet xierqa.
-